Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/0138(COD)

21.9.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97
(COM(2023)0240 – C9-0150/2023 – 2023/0138(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Gabriele Bischoff

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

EMENDA

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, jikkunsidra dawn li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis aħjar l-eteroġeneità dejjem tikber tal-pożizzjonijiet fiskali, l-isfidi tad-dejn pubbliku u vulnerabbiltajiet oħrajn fl-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 wera li kien effettiv ħafna fil-mitigazzjoni tad-dannu ekonomiku u soċjali tal-kriżi, iżda l-kriżi rriżultat f'żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, li jenfasizza l-importanza li l-proporzjonijiet tad-dejn jitnaqqsu għal livelli prudenti b'mod gradwali, sostnut ***u*** favorevoli għat-tkabbir u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi***, filwaqt*** li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi tal-impjiegi u soċjali. Fl-istess ħin, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi fuq terminu medju u twil li qed tiffaċċja l-Unjoni, inkluż il-kisba ta' tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluża l-Liġi dwar il-Klima[22], l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika, u l-implimentazzjoni tal-boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża, li kollha kemm huma jeħtieġu riformi u livelli għoljin sostnuti ta'	(5) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis aħjar l-eteroġeneità dejjem tikber tal-pożizzjonijiet fiskali, l-isfidi tad-dejn pubbliku***, kunsiderazzjonijiet soċjali*** u vulnerabbiltajiet oħrajn fl-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 wera li kien effettiv ħafna fil-mitigazzjoni tad-dannu ekonomiku u soċjali tal-kriżi, iżda l-kriżi rriżultat f'żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, li jenfasizza l-importanza li l-proporzjonijiet tad-dejn jitnaqqsu għal livelli prudenti b'mod gradwali, sostnut***,*** favorevoli għat-tkabbir ***u inklużiv*** u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi ***kif ukoll, li jiġu appoġġjata l-konverġenza soċjali 'l fuq***, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi soċjali u ta' impjiegi ***ta' kwalità***. Fl-istess ħin, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi fuq terminu medju u twil li qed tiffaċċja l-Unjoni, inkluż il-kisba ta' tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluża l-Liġi dwar il-Klima[22], ***inkluża l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,*** l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika***,***

investiment fis-snin li ġejjin.	***il-ksib ta' konverġenza soċjali 'l fuq*** u l-implimentazzjoni tal-boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża, li kollha kemm huma jeħtieġu riformi u livelli għoljin sostnuti ta' investiment fis-snin li ġejjin. ***Għalhekk jenħtieġ li jqis ir-riskji ekonomiċi, ekoloġiċi u soċjali għoljin ikkawżati minn nuqqas ta' investiment, inkluż nuqqas ta' xogħol, nuqqasijiet fl-infrastruttura u nuqqas ta' progress biex jintlaħqu l-miri ta' dekarbonizzazzjoni miftiehma b'mod soċjalment ġust.***
[22] Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi objettiv ta' newtralità klimatika għall-Unjoni kollha sal-2050 u tirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu progress fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, li tirrikjedi investiment pubbliku sinifikanti biex jitnaqqsu l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tat-tibdil fil-klima fuq l-UE u fuq l-Istati Membri tagħha, inklużi l-impatti negattivi fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà fiskali.	[22] Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi objettiv ta' newtralità klimatika għall-Unjoni kollha sal-2050 u tirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu progress fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, li tirrikjedi investiment pubbliku sinifikanti biex jitnaqqsu l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tat-tibdil fil-klima fuq l-UE u fuq l-Istati Membri tagħha, inklużi l-impatti negattivi fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà fiskali.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 121(2), (3) u (4) u fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE jenħtieġ li timmonitorja f'konformità ma' regoli aktar dettaljati l-medda sħiħa ta' żviluppi ekonomiċi ***u*** tal-impjiegi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni. Dan jinkludi d-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) ***Nru***	(7) Il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 121(2), (3) u (4) u fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE jenħtieġ li timmonitorja f'konformità ma' regoli aktar dettaljati l-medda sħiħa ta' żviluppi ekonomiċi***,*** tal-impjiegi ***u dawk soċjali*** f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni***, inkluż il-progress lejn il-miri nazzjonali, marbut mal-miri ewlenin u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***.

1174/2011[23] u (UE) Nru 1176/2011[24] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għall-monitoraġġ ta' tali żviluppi ekonomiċi ***u*** tal-impjiegi, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw informazzjoni fil-forma ta' pjanijiet fiskali-strutturali ***ta' terminu medju***.

Dan jinkludi d-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) ***Nru 1174/201123 u (UE) Nru 1176/201124*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għall-monitoraġġ ta' tali żviluppi ekonomiċi***,*** tal-impjiegi ***u konverġenza soċjali***, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw informazzjoni fil-forma ta' pjanijiet fiskali-strutturali ta' ***terminu medju***. ***Għall-monitoraġġ tal-iżviluppi soċjali, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' sorveljanza li jimmonitorja r-riskji ta' konverġenza soċjali.***

---

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8).

[24] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8).

[24] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju, sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn ***u*** t-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern permezz ta'	(8) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju, sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn ***,*** it-tkabbir sostenibbli u inklużiv ***u konverġenza soċjali 'l fuq*** fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits

ppjanar ta’ terminu medju.	eċċessivi tal-gvern permezz ta’ ppjanar ta’ terminu medju.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta’ terminu medju jenħtieġ li jiġbru flimkien ir-riformi fiskali-strutturali u l-impenji ta’ investiment ta’ kull Stat Membru u dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu l-pedament tal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-Unjoni. Kull Stat Membru jenħtieġ li jippreżenta pjan ta’ terminu medju li jistabbilixxi t-trajettorja fiskali tiegħu kif ukoll l-impenji ta’ investiment pubbliku prijoritarju u ta’ riforma li flimkien jiżguraw tnaqqis sostnut u gradwali tad-dejn ***u*** tkabbir sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tiġi evitata politika fiskali proċiklika, kif ukoll impenji usa’ ta’ riforma u ta’ investiment, inkluż fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[25], l-impenji meħuda fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq.	(9) Il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta’ terminu medju jenħtieġ li jiġbru flimkien ir-riformi fiskali, strutturali u l-impenji ta’ investiment ta’ kull Stat Membru u dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu l-pedament tal-qafas ta’ governanza ekonomika ***u soċjali*** tal-Unjoni. Kull Stat Membru jenħtieġ li jippreżenta pjan ta’ terminu medju li jistabbilixxi t-trajettorja fiskali tiegħu kif ukoll l-impenji ta’ investiment pubbliku prijoritarju u ta’ riforma li flimkien jiżguraw tnaqqis sostnut u gradwali tad-dejn***,*** tkabbir sostenibbli u inklużiv ***u konverġenza soċjali ’l fuq***, filwaqt li tiġi evitata politika fiskali proċiklika, kif ukoll impenji usa’ ta’ riforma u ta’ investiment, inkluż fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika***,*** ***konverġenza soċjali ’l fuq*** u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[25], l-impenji meħuda fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq.
[25] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).	[25] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas fiskali tal-Unjoni u tiżdied it-trasparenza, indikatur operazzjonali uniku ankrat fis-sostenibbiltà tad-dejn jenħtieġ li jservi bħala bażi għall-istabbiliment tal-perkors fiskali u għat-twettiq ta' sorveljanza fiskali annwali għal kull Stat Membru. Dak l-indikatur operazzjonali uniku jenħtieġ li jkun ibbażat fuq in-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali, jiġifieri n-nefqa netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali u li teskludi n-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa tal-qgħad ċikliku u n-nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni ffinanzjata bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni. Dan l-indikatur jippermetti l-istabbilizzazzjoni makroekonomika peress li ma huwiex affettwat mill-operat ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, inklużi fluttwazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa barra mill-kontroll dirett tal-gvern.	(12) Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas fiskali tal-Unjoni u tiżdied it-trasparenza, indikatur operazzjonali uniku ankrat fis-sostenibbiltà tad-dejn jenħtieġ li jservi bħala bażi għall-istabbiliment tal-perkors fiskali u għat-twettiq ta' sorveljanza fiskali annwali għal kull Stat Membru. Dak l-indikatur operazzjonali uniku jenħtieġ li jkun ibbażat fuq in-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali, jiġifieri n-nefqa netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali u li teskludi n-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa tal-qgħad ċikliku ***u tal-iskemi tax-xogħol fuq perjodu qasir*** u n-nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni ffinanzjata bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni. Dan l-indikatur jippermetti l-istabbilizzazzjoni makroekonomika peress li ma huwiex affettwat mill-operat ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, inklużi fluttwazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa barra mill-kontroll dirett tal-gvern.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-abbozzar tal-pjan fiskali-strutturali ta' terminu medju tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq trajettorja teknika bbażata fuq l-aġġustament fiskali minimu li jġib it-trajettorja tad-dejn tal-	(13) Sabiex tipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-abbozzar tal-pjan fiskali-strutturali ta' terminu medju tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq trajettorja teknika bbażata fuq l-aġġustament fiskali minimu li jġib it-trajettorja tad-dejn tal-

Istat Membru fuq perkors ta' tnaqqis b'mod plawżibbli jew iżomm id-dejn f'livell prudenti. Jenħtieġ li tiżgura wkoll li l-proporzjon tad-dejn pubbliku fi tmiem il-perjodu għall-ippjanar jonqos taħt il-livell tiegħu fis-sena qabel il-bidu tat-trajettorja teknika. Is-sostenibbiltà ta' dak it-tnaqqis fid-dejn jenħtieġ li tirriżulta minn politiki fiskali xierqa.	Istat Membru fuq perkors ta' tnaqqis b'mod plawżibbli jew iżomm id-dejn f'livell prudenti***, filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet ta' investiment tal-Istati Membri biex jinkisbu l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***. Jenħtieġ li tiżgura wkoll li l-proporzjon tad-dejn pubbliku fi tmiem il-perjodu għall-ippjanar jonqos taħt il-livell tiegħu fis-sena qabel il-bidu tat-trajettorja teknika. Is-sostenibbiltà ta' dak it-tnaqqis fid-dejn jenħtieġ li tirriżulta minn politiki fiskali***, li ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti għall-ksib tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni.***
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Kull pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li jsemmi l-istatus tiegħu fil-kuntest tal-proċeduri nazzjonali, b'mod partikolari jekk il-pjan ġiex ippreżentat lill-parlament nazzjonali u jekk kienx hemm approvazzjoni parlamentari tal-pjan. Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li jindika wkoll jekk il-parlament nazzjonali kellux l-opportunità li jiddiskuti r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-pjan preċedenti u, jekk rilevanti, kwalunkwe rakkomandazzjoni jew deċiżjoni oħra tal-Kunsill, jew kwalunkwe twissija tal-Kummissjoni.	(16) Kull pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li jsemmi l-istatus tiegħu fil-kuntest tal-proċeduri nazzjonali, b'mod partikolari jekk il-pjan ġiex ippreżentat lill-parlament nazzjonali ***u sħab soċjali*** u jekk kienx hemm approvazzjoni parlamentari tal-pjan. Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li jindika wkoll jekk il-parlament nazzjonali kellux l-opportunità li jiddiskuti r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-pjan preċedenti u, jekk rilevanti, kwalunkwe rakkomandazzjoni jew deċiżjoni oħra tal-Kunsill, jew kwalunkwe twissija tal-Kummissjoni.
	Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-sħab soċjali jiġu kkonsultati meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet fiskali-strutturali għal terminu medju u jingħataw il-possibbiltà li jipprovdu l-kontribut tagħhom fi stadju bikri, speċjalment f'dawk l-aspetti relatati mal-politiki tal-impjiegi jew li jista' jkollhom impatt fuq l-impjiegi.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Peress li l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw kostijiet addizzjonali fi tmiem il-pjan fiskali-strutturali tagħhom ta' terminu medju ***bħall-kostijiet tat-tixjiħ jew differenzjal mhux favorevoli għat-tkabbir tal-imgħax***, jenħtieġ li jiżguraw li l-bilanċ nominali fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament ikun biżżejjed biex jiġi żgurat li d-defiċit jibqa' għal żmien twil taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG.	(18) Peress li l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw kostijiet addizzjonali fi tmiem il-pjan fiskali-strutturali tagħhom ta' terminu medju, jenħtieġ li jiżguraw li l-bilanċ nominali fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament ikun biżżejjed biex jiġi żgurat li d-defiċit jibqa' għal żmien twil taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li teżamina b'mod partikolari l-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u fiskali, sal-punt li dawn jitbiegħdu minn dawk sottostanti għat-trajettorja teknika. B'mod partikolari, il-projezzjonijiet tad-dejn f'politika mhux mibdula li jridu jiġu inklużi fil-pjan jenħtieġ li jkunu konsistenti u komparabbli mal-projezzjonijiet tal-Kummissjoni.	(20) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li teżamina b'mod partikolari l-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u fiskali, sal-punt li dawn jitbiegħdu minn dawk sottostanti għat-trajettorja teknika***, filwaqt li jiġi żgurat il-ksib tal-għanijiet stabbiliti mill-prijoritajiet komuni***. B'mod partikolari, il-projezzjonijiet tad-dejn f'politika mhux mibdula li jridu jiġu inklużi fil-pjan jenħtieġ li jkunu konsistenti u komparabbli mal-projezzjonijiet tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex jiġi żgurat tnaqqis tad-dejn aktar gradwali, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'massimu ta' 3 snin jekk l-Istat Membru jirfed il-pjan fiskali-strutturali tiegħu ta' terminu medju b'sett ta' riformi u investiment verifikabbli u marbuta maż-żmien li, meta jiġu kkunsidrati flimkien: ***isaħħu t-tkabbir***, jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali, jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru skont is-Semestru Ewropew, u jindirizzaw il-prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-pajjiż mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis f'investiment pubbliku ieħor iffinanzjat fil-livell nazzjonali matul il-perjodu ta' aġġustament sabiex jiġi żgurat impatt makroekonomiku tal-investimenti u	(22) Sabiex jiġi żgurat tnaqqis tad-dejn aktar gradwali, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'massimu ta' 3 snin jekk l-Istat Membru jirfed il-pjan fiskali-strutturali tiegħu ta' terminu medju b'sett ta' riformi u investiment verifikabbli u marbuta maż-żmien li, meta jiġu kkunsidrati flimkien: ***isaħħu tkabbir sostenibbli u inklużiv, jippromovu konverġenza soċjali 'l fuq***, jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali, jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru skont is-Semestru Ewropew, u jindirizzaw il-prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-pajjiż mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis f'investiment pubbliku ieħor iffinanzjat fil-livell nazzjonali***, inklużi investimenti soċjali,*** matul il-perjodu ta'

tiġi evitata l-esklużjoni ta’ prijoritajiet oħrajn ta’ investiment.	aġġustament sabiex jiġi żgurat impatt makroekonomiku tal-investimenti u tiġi evitata l-esklużjoni ta’ prijoritajiet oħrajn ta’ investiment.
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Bl-għan li jiġi żgurat proċess ekwu u trasparenti, l-impenji ta’ riforma u ta’ investiment jenħtieġ li jiġu vvalutati bl-użu ta’ qafas komuni tal-Unjoni. Matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-impenji fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jistgħu jitqiesu fil-valutazzjoni tat-talba għal estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament, fejn applikabbli. Is-sett ta’ riformi u ta’ investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta’ perkors ta’ aġġustament fiskali jenħtieġ li jkun proporzjonat mal-grad ta’ sfidi tad-dejn pubbliku kif stabbilit fl-aktar aġġornament riċenti tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn ***u sfidi għat-tkabbir ta’ terminu medju*** fl-***Istat Membru***. Għall-Istati Membri fejn l-isfidi tad-dejn pubbliku jkunu marbuta ma’ sfidi sinifikanti għat-tkabbir ta’ terminu medju, is-sett ta’ riformi u ta’ investimenti huwa mistenni li jindirizza wkoll il-limitazzjonijiet għat-tkabbir ta’ terminu medju.	(23) Bl-għan li jiġi żgurat proċess ekwu u trasparenti, l-impenji ta’ riforma u ta’ investiment jenħtieġ li jiġu vvalutati bl-użu ta’ qafas komuni tal-Unjoni. Matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-impenji fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jistgħu jitqiesu fil-valutazzjoni tat-talba għal estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament, fejn applikabbli. Is-sett ta’ riformi u ta’ investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta’ perkors ta’ aġġustament fiskali jenħtieġ li jkun proporzjonat mal-grad ta’ sfidi tad-dejn pubbliku kif stabbilit fl-aktar aġġornament riċenti tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn ***flimkien mar-riskji ta’ diverġenza soċjali kif stabbilit*** fl-***aktar aġġornament reċenti tal-monitoraġġ tagħhom***. Għall-Istati Membri fejn l-isfidi tad-dejn pubbliku jkunu marbuta ma’ sfidi sinifikanti għat-tkabbir ta’ terminu medju, is-sett ta’ riformi u ta’ investimenti huwa mistenni li jindirizza wkoll il-limitazzjonijiet għat-tkabbir ta’ terminu medju.
	Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment imressqa fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ ***li jkun allinjat mal-***prijoritajiet komuni tal-Unjoni. Dak is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment jenħtieġ li jkun konsistenti wkoll mal-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali mressqa mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni. Meta jkun rilevanti, matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jenħtieġ li jsiru kontroreferenzi għall-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politika.	(24) Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment imressqa fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ ***li jiżgura l-ksib tal-għanijiet stabbiliti mill-***prijoritajiet komuni tal-Unjoni. Dak is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment jenħtieġ li jkun konsistenti wkoll mal-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali mressqa mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni. Meta jkun rilevanti, matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jenħtieġ li jsiru kontroreferenzi għall-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politika.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Meta s-sett verifikabbli u marbut maż-żmien ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta aktar gradwali ma jiġix issodisfat fl-iskadenza speċifikata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jirrakkomanda li l-aġġustament jiġi aktar inklinat, jiġifieri billi titqassar l-estensjoni tal-perkors tan-nefqa netta.	(25) Meta s-sett verifikabbli u marbut maż-żmien ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta aktar gradwali ma jiġix issodisfat fl-iskadenza speċifikata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jirrakkomanda li l-aġġustament jiġi aktar inklinat, jiġifieri billi titqassar l-estensjoni tal-perkors tan-nefqa netta***, filwaqt li jirrispetta l-prijoritajiet komuni u jippermetti l-progress***.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti wrew il-kapaċità tagħhom li jrawmu d-dixxiplina fiskali u li jsaħħu l-kredibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri. Sabiex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali, ***ir-rwol tal-***istituzzjonijiet fiskali indipendenti, li tradizzjonalment għandhom il-mandat li jimmonitorjaw il-konformità mal-qafas nazzjonali, jenħtieġ ***li jiġi estiż għall-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni***.	(27) L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti wrew il-kapaċità tagħhom li jrawmu d-dixxiplina fiskali u li jsaħħu l-kredibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri. Sabiex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, li tradizzjonalment għandhom il-mandat li jimmonitorjaw il-konformità mal-qafas nazzjonali, jenħtieġ ***li jikkunsidraw ukoll l-iżviluppi soċjali u jinkorporaw esperti fil-qasam soċjali***.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lir-riskji sinifikanti ta' diverġenza soċjali li jirriżultaw minn għażliet ta' politika ta' aġġustament fiskali fil-pjanijiet nazzjonali għal terminu medju. Għalhekk huwa xieraq li l-proċedura tas-sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-TFUE tiġi kkomplementata b'sistema ta' twissija bikrija, fejn il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 9 tat-TFUE twissi lil Stat Membru sa minn kmieni bil-ħtieġa li jieħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa sabiex jipprevjeni r-riskji ta' diverġenza soċjali.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Dan ir-Regolament huwa parti minn pakkett flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill [XXX li temenda 2011/85/UE] u r-Regolament tal-Kunsill [XXX li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97]. Flimkien, dawn jistabbilixxu qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni li jinkorpora fid-dritt tal-Unjoni s-sustanza tat-Titolu III "Patt Fiskali" tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[27], f'konformità mal-Artikolu 16 tiegħu. Billi jibni fuq l-esperjenza bl-implimentazzjoni tat-TSKG mill-Istati Membri, il-pakkett leġiżlattiv propost iżomm l-orjentazzjoni tal-Patt Fiskali ta' terminu medju bħala għodda biex jinkisbu d-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir. Il-pakkett jinkludi dimensjoni msaħħa speċifika għall-pajjiż, immirata lejn it-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, inkluż permezz ta' rwol ***aktar b'saħħtu*** għall-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti, li essenzjalment tibbaża fuq il-prinċipji komuni tal-Patt Fiskali proposti mill-Kummissjoni[28] f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG. L-analiżi tan-nefqa, netta mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali, għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità meħtieġa mill-Patt Fiskali hija stabbilita f'dan ir-Regolament. Bħal fil-Patt Fiskali, devjazzjonijiet temporanji mill-pjan ta' terminu medju huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali f'dan ir-Regolament. B'mod simili għall-Patt Fiskali, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-pjan ta' terminu medju, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri biex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit. Il-pakkett isaħħaħ is-sorveljanza	(32) Dan ir-Regolament huwa parti minn pakkett flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill [XXX li temenda 2011/85/UE] u r-Regolament tal-Kunsill [XXX li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97]. Flimkien, dawn jistabbilixxu qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni li jinkorpora fid-dritt tal-Unjoni s-sustanza tat-Titolu III "Patt Fiskali" tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[27], f'konformità mal-Artikolu 16 tiegħu. Billi jibni fuq l-esperjenza bl-implimentazzjoni tat-TSKG mill-Istati Membri, il-pakkett leġiżlattiv propost iżomm l-orjentazzjoni tal-Patt Fiskali ta' terminu medju bħala għodda biex jinkisbu d-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir. Il-pakkett jinkludi dimensjoni msaħħa speċifika għall-pajjiż, immirata lejn it-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, inkluż permezz ta' rwol għall-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti, li essenzjalment tibbaża fuq il-prinċipji komuni tal-Patt Fiskali proposti mill-Kummissjoni[28] f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG***. L-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti jenħtieġ li jinkorporaw esperti soċjali u jipprovdu wkoll valutazzjoni tal-impatt soċjali tal-għażliet tal-politika fiskali***. L-analiżi tan-nefqa, netta mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali, għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità meħtieġa mill-Patt Fiskali hija stabbilita f'dan ir-Regolament. Bħal fil-Patt Fiskali, devjazzjonijiet temporanji mill-pjan ta' terminu medju huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali f'dan ir-Regolament. B'mod simili għall-Patt Fiskali, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti

fiskali u l-proċeduri ta' infurzar biex jitwettaq l-impenn tal-promozzjoni ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv. Għalhekk, ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika żżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibbiltà tad-dejn stabbiliti fit-TSKG.

mill-pjan ta' terminu medju, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri biex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit. Il-pakkett isaħħaħ is-sorveljanza fiskali u l-proċeduri ta' infurzar biex jitwettaq l-impenn tal-promozzjoni ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv. Għalhekk, ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika żżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibbiltà tad-dejn stabbiliti fit-TSKG.

---

[27] It-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja tat-2 ta' Marzu 2012.

[28] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012) 342 final tal-20 ta' Ġunju 2012 "Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali".

[27] It-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja tat-2 ta' Marzu 2012.

[28] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012) 342 final tal-20 ta' Ġunju 2012 "Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali".

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jiġu żgurati implimentazzjoni effettiva u monitoraġġ xieraq ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta': l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet fiskali-strutturali tagħhom ***ta' terminu medju***, l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti ta' progress annwali tagħhom, il-funzjonament tal-kont ta' kontroll, il-metodoloġija biex tiġi vvalutata l-plawżibbiltà mill-Kummissjoni, ***it-tfassil tal-lista ta' prijoritajiet komuni***	(33) Sabiex jiġu żgurati implimentazzjoni effettiva u monitoraġġ xieraq ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta': l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet fiskali-strutturali tagħhom ta' ***terminu medju***, l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti ta' progress annwali tagħhom, il-funzjonament tal-kont ta' kontroll, il-metodoloġija biex tiġi vvalutata l-plawżibbiltà mill-Kummissjoni, Huwa partikolarment importanti li l-

tal-Unjoni u l-qafas ta' valutazzjoni għassett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-***Tfassil*** Aħjar ***tal-Liġijiet***[29]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-***Tfassil*** Aħjar ***tal-Liġijiet29***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[29] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[29] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir ***sostenibbli u inklużiv u*** impjiegi ***ta' kwalità skont il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju bħala parti mis-sorveljanza baġitarja multilaterali mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn ***u*** t-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern, permezz ta' ppjanar ta' terminu medju.	Dan jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju ***f'konformità mal-objettivi ekonomiċi, soċjali u ta' sostenibbiltà tal-UE*** bħala parti mis-sorveljanza ***ekonomika u*** baġitarja multilaterali mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn***,*** it-tkabbir sostenibbli u inklużiv ***u konverġenza soċjali 'l fuq*** fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern, permezz ta' ppjanar ta' terminu medju***, filwaqt li jiġu żgurati l-investiment ekonomiċi u soċjali meħtieġa***.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-lista ta' prijoritajiet komuni tal-Unjoni huma:
	(a) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluża t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050 u l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali permezz tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima;
	(b) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali inklużi l-miri relatati dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030;
	(c) Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, u rifless fil-

livell nazzjonali permezz tal-Pjanijiet Direzzjonali Strateġiċi Nazzjonali tad-Deċennju Diġitali;

(d) Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, ***mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul*** u minn varjabbli baġitarji oħrajn barra mill-kontroll tal-gvern kif stabbilit fl-Anness II, il-punt (a);	(2) "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, ***mill-investimenti meħtieġa għall-kisba tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u minn varjabbli baġitarji oħrajn barra mill-kontroll tal-gvern ***u elementi ċikliċi tan-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad*** kif stabbilit fl-Anness II, il-punt (a);

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iwettqu sorveljanza multilaterali fis-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fit-TFUE.	Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi ***u tal-impjieg*** u konverġenza sostnuta ***'l fuq*** tal-prestazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istati Membri ***kif ukoll il-ksib tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iwettqu sorveljanza multilaterali fis-Semestru

Is-sorveljanza multilaterali għandha tiddependi fuq statistika ta' kwalità għolja u indipendenti, prodotta f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fit-TFUE. Is-sorveljanza multilaterali għandha tiddependi fuq statistika ta' kwalità għolja u indipendenti, prodotta f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE, tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u tar-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro;	(a) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi***, soċjali u tas-sostenibbiltà*** tal-Istati Membri u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 121(2) ***tat-TFUE u mal-Artikolu 148*** tat-TFUE, tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u tar-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro;

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li jridu jitqiesu mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 148(2) tat-TFUE, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u tar-rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiż;	(b) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li jridu jitqiesu mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 148(2) tat-TFUE, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***u l-miri ewlenin tiegħu***, u tar-rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiż***, u ta' obbligi li jirriżultaw mil-***

leġiżlazzjoni soċjali attwali u skont l-Artikolu 9 u l-Artikolu 151 tat-TFUE;

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) is-sorveljanza biex jiġu evitati u korretti l-iżbilanċi soċjali permezz ta' mekkaniżmu komuni;

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jkun meħtieġ, wara l-valutazzjoni skont dan ir-Regolament tal-pjanijiet fiskali-strutturali ta' terminu medju, tar-rapporti ta' progress annwali u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istati Membri kkonċernati, il-Kunsill għandu, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti legali previsti fl-Artikoli 121 u 148 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata.	1. Meta jkun meħtieġ, wara l-valutazzjoni skont dan ir-Regolament tal-pjanijiet fiskali-strutturali ta' terminu medju, tar-rapporti ta' progress annwali u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istati Membri kkonċernati, il-Kunsill għandu, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti legali previsti fl-Artikoli 121 u 148 tat-TFUE***, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq il-linji gwida wesgħin għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, il-linji gwida dwar l-impjiegi u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, il-punti (a) ***u (b)*** qabel ma jieħdu deċiżjonijiet ewlenin fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom dwar l-ekonomija, l-impjieg u l-baġit. Il-progress għandu jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.	2. L-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq il-linji gwida wesgħin għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, il-linji gwida dwar l-impjiegi u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, il-punti (a)***, (b) u (da)*** qabel ma jieħdu deċiżjonijiet ewlenin fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom dwar l-ekonomija, l-impjieg u l-baġit. Il-progress għandu jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) rakkomandazzjoni mill-Kunsill ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 9 u 148(4) tat-TFUE jew l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull Stat Membru li jkollu dejn pubbliku ogħla mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG jew defiċit tal-gvern ogħla	Għal kull Stat Membru li jkollu dejn pubbliku ogħla mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG jew defiċit tal-gvern ogħla

mill-valur referenzjarju ta’ 3 % tal-PDG, il-Kummissjoni għandha tressaq, f’rapport lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, trajettorja teknika għan-nefqa netta li tkopri perjodu minimu ta’ aġġustament ta’ 4 snin tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta’ terminu medju, u l-estensjoni possibbli tiegħu b’massimu ta’ 3 snin skont l-Artikolu 13. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan ir-rapport pubbliku.	mill-valur referenzjarju ta’ 3 % tal-PDG, il-Kummissjoni għandha tressaq, f’rapport lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju***, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali relevanti***, trajettorja teknika għan-nefqa netta li tkopri perjodu minimu ta’ aġġustament ta’ 4 snin tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta’ terminu medju, u l-estensjoni possibbli tiegħu b’massimu ta’ 3 snin skont l-Artikolu 13. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan ir-rapport pubbliku.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) previżjoni tar-riskji soċjali u s-suppożizzjonijiet;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni Ewropea se tikkonsulta mas-sħab soċjali, fil-ħin u b’mod effettiv, sabiex tiġbor fehmiet dwar is-sostenibbiltà tat-trajettorja ta’ aġġustament, l-impatt tar-riforma u l-għodda ta’ investiment u tivvaluta l-plawżibbiltà tat-trajettorja tad-dejn.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju għandu jiddeskrivi wkoll l-azzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi dawk li huma rilevanti għall-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi, u t-twissijiet mill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jew ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, fejn applikabbli, magħmula skont l-Artikolu 121(4) tat-TFUE.	Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju għandu jiddeskrivi wkoll l-azzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi dawk li huma rilevanti għall-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi, u t-twissijiet mill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jew ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, fejn applikabbli, magħmula skont l-Artikolu 121(4) tat-TFUE***, l-Artikoli 9 u 148(4) tat-TFUE u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżgura l-aġġustament fiskali meħtieġ biex id-dejn pubbliku jitqiegħed jew jinżamm fuq perkors ta' tnaqqis plawżibbli sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' aġġustament, jew jibqa' f'livelli prudenti, u biex id-defiċit tal-gvern jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG ta' terminu medju;	(a) jiżgura l-aġġustament fiskali meħtieġ biex id-dejn pubbliku jitqiegħed jew jinżamm fuq perkors ta' tnaqqis plawżibbli sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' aġġustament, jew jibqa' f'livelli prudenti, u biex id-defiċit tal-gvern jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG ta' terminu medju; ***meta jiġi kkalkulat il-bilanċ tal-baġit, il-gvernijiet jenġtieġ li jitħallew jintegraw trattament kwalifikat għall-investiment soċjali marbut mal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jifrex l-ispejjeż għall-investiment tul il-ħajja tal-investiment.***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jispjega kif se jiżgura t-twettiq ta' investiment u riformi li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jikkoreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi jekk applikabbli, u jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-***Anness VI*** ta' dan ir-Regolament, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Deċennju Diġitali filwaqt li jkun konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali aġġornati għall-Enerġija u l-Klima u mal-Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali għad-Deċennju Diġitali;	(b) jispjega kif se jiżgura t-twettiq ta' investiment u riformi li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jikkoreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi jekk applikabbli, u jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-***Artikolu 1*** ta' dan ir-Regolament, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, inklużi l-miri tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030,*** u d-Deċennju Diġitali filwaqt li jkun konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali aġġornati għall-Enerġija u l-Klima u mal-Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali għad-Deċennju Diġitali***. Barra minn hekk, għandu jispjega kif se jiżgura konsistenza mal-linji gwida wesgħin għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u mal-linji gwida dwar l-impjiegi skont l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(2) tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jispjega l-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità

	mal-qafas legali nazzjonali, ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, u kif il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan u fil-proċess tal-implimentazzjoni; kif ukoll

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) jiżgura li r-riformi proposti jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet tal-politika soċjali kif definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, għandu jkun proporzjonat mal-grad ta' sfidi tad-dejn pubbliku ***u*** sfidi għat-tkabbir ta' terminu medju fl-Istat Membru kkonċernat.	Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, għandu jkun proporzjonat mal-grad ta' sfidi tad-dejn pubbliku***,*** sfidi għat-tkabbir ***sostenibbli*** ta' terminu medju fl-Istat Membru kkonċernat ***u l-isfidi għall-ksib tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ikun qiegħed itejjeb it-tkabbir;	(i) ikun qiegħed itejjeb it-tkabbir ***sostenibbli***;

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) appoġġ għal konverġenza soċjali 'l fuq;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-***Anness VI***;	(iii) jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-***Artikolu 1***;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) jindirizza r-rakkomandazzjonijiet	(iv) jindirizza r-rakkomandazzjonijiet

rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi;	rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, ***skont l-Artikolu 121(4) u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE*** inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk il-proporzjon tad-dejn pubbliku fi tmiem il-perjodu ta' ppjanar huwiex taħt il-proporzjon tad-dejn pubbliku fis-sena qabel il-bidu tat-trajettorja teknika**.**	(f) jekk il-proporzjon tad-dejn pubbliku fi tmiem il-perjodu ta' ppjanar huwiex taħt il-proporzjon tad-dejn pubbliku fis-sena qabel il-bidu tat-trajettorja teknika***;***

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jekk it-twettiq ta' investiment u riformi li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jikkoreġix l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi jekk applikabbli, u jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inklużi l-miri tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030,

u d-Deċennju Diġitali filwaqt li jkun konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali aġġornati għall-Enerġija u l-Klima u mal-Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali għad-Deċennju Diġitali.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru kkonċernat u, jekk applikabbli, tapprova s-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament inkluż fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu ta' terminu medju fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bħala regola.	Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni***, u wara li jikkonsulta l-kumitati konsultattivi relevanti identifikati fl-Artikolu 26***, għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru kkonċernat u, jekk applikabbli, tapprova s-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament inkluż fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu ta' terminu medju fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bħala regola.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jqis li l-pjan ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 (2) u (3) il-punt (a), il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat jissottometti pjan fiskali-	Meta jqis li l-pjan ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 (2) u (3) il-punt (a) ***u (b)***, il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, ***u wara li jikkonsulta l-kumitati konsultattivi relevanti identifikati fl-Artikolu 26***

strutturali nazzjonali rivedut ta' terminu medju.	jirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat jissottometti pjan fiskali-strutturali nazzjonali rivedut ta' terminu medju.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rapport ta' progress annwali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta, l-implimentazzjoni ta' impenji usa' ta' riforma u ta' investiment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u, jekk applikabbli, fl-implimentazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament.	2. Ir-rapport ta' progress annwali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta, l-implimentazzjoni ta' impenji usa' ta' riforma u ta' investiment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ***inkluż il-progress fuq il-miri tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030*** u, jekk applikabbli, fl-implimentazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill […][32] [dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali] għandha tipprovdi valutazzjoni tal-konformità tad-data dwar l-eżiti tal-baġit irrapportata fir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 20 mal-jirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat jissottometti pjan fiskali-strutturali nazzjonali rivedut ta' terminu medju.	Kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill […][32] [dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali] għandha***:***

perkors tan-nefqa netta**.** Meta jkun applikabbli, kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali għandha tanalizza wkoll il-fatturi sottostanti għal devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta.

(a) tipprovdi valutazzjoni tal-konformità tad-data dwar l-eżiti tal-baġit irrapportata fir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 20 mal-perkors tan-nefqa netta***,***

(b) meta jkun applikabbli, kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali għandha tanalizza wkoll il-fatturi sottostanti għal devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta***,***

(c) jipprovdi valutazzjoni tal-impatt soċjali tal-għażliet tal-politika ta' aġġustament fiskali,

(d) jinkorpora esperti soċjali biex jaħdmu flimkien ma' esperti ekonomiċi fil-valutazzjonijiet.

[32] Id-Direttiva tal-Kunsill […] ta' […] [li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri] (ĠU L …, …, p….)

[32] Id-Direttiva tal-Kunsill […] ta' […] [li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri] (ĠU L …, …, p….)

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza u s-sjieda u r-responsabilità tad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz ta' djalogu ekonomiku. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika	Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza u s-sjieda u r-responsabilità tad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz ta' djalogu ekonomiku ***u soċjali***. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-

Ekonomika, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għandhom jiġu kkonsultati fil-qafas tas-Semestru Ewropew fejn ikun xieraq. Il-partijiet ikkonċernati relevanti, b'mod partikolari s-sħab soċjali, għandhom ikunu involuti, fejn ikun xieraq, fil-qafas tas-Semestru Ewropew dwar il-kwistjonijiet ta' politika ewlenija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u l-arranġamenti legali u politiċi nazzjonali.	Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għandhom jiġu kkonsultati fil-qafas tas-Semestru Ewropew fejn ikun xieraq. Il-partijiet ikkonċernati relevanti, b'mod partikolari s-sħab soċjali, għandhom ikunu involuti, fejn ikun xieraq, fil-qafas tas-Semestru Ewropew dwar il-kwistjonijiet ta' politika ewlenija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u l-arranġamenti legali u politiċi nazzjonali.
	Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni tiddiskuti l-kwistjonijiet li ġejjin:
	- il-valutazzjoni tal-projezzjoni tad-dejn pubbliku ta' terminu medju tal-Kummissjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju kif ukoll l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn
	- il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-Rapporti Annwali ta' Progress
	- il-valutazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament
	- evalwazzjoni tas-CSRs u riskji ta' konverġenza soċjali, u l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
	Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'dak il-każ, l-Istat Membru li għalih tinfetaħ proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, għandu jissottometti pjan rivedut f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament. Il-pjan rivedut għandu jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Is-sottomissjoni tal-pjan rivedut għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 16 sa 19 ta' dan ir-Regolament. Il-pjan rivedut għandu jiġi vvalutat f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.	2. F'dak il-każ, l-Istat Membru li għalih tinfetaħ proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, għandu jissottometti pjan rivedut f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament. Il-pjan rivedut għandu jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Is-sottomissjoni tal-pjan rivedut għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 16 sa 19 ta' dan ir-Regolament. Il-pjan rivedut għandu jiġi vvalutat f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 biex temenda l-Annessi II sa VII biex tadattahom sabiex iqisu kif xieraq żviluppi jew ħtiġijiet ulterjuri rigward l-informazzjoni fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju (l-Anness II) jew fir-rapporti ta' progress annwali (l-Anness III), fir-rigward tal-funzjonament tal-kont ta' kontroll (l-Anness IV), fir-rigward tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-plawżibbiltà (l-Anness V)***, fir-rigward tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni (l-Anness VI)*** jew fir-rigward tal-qafas ta'	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 biex temenda l-Annessi II sa VII biex tadattahom sabiex iqisu kif xieraq żviluppi jew ħtiġijiet ulterjuri rigward l-informazzjoni fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju (l-Anness II) jew fir-rapporti ta' progress annwali (l-Anness III), fir-rigward tal-funzjonament tal-kont ta' kontroll (l-Anness IV), fir-rigward tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-plawżibbiltà (l-Anness V) jew fir-rigward tal-qafas ta' valutazzjoni (l-Anness VII).

valutazzjoni (l-Anness VII).

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-indikaturi soċjali marbuta mal-ksib tal-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-indikaturi prinċipali u sekondarji tagħhom, mexxew 'il quddiem fl-aħħar tal-perjodu u huma ogħla mis-sitwazzjoni fis-sena ta' qabel il-bidu tat-trajettorja teknika.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Informazzjoni dwar ***obbligazzjonijiet*** impliċiti ***relatati mat-tixjih,*** u obbligazzjonijiet kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits tal-gvern, inklużi garanziji tal-gvern, self improduttiv, u obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż il-firxa tagħhom, spejjeż u obbligi potenzjali li jirriżultaw minn kawżi tal-qorti u, sa fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontinġenti fl-oqsma tad-diżastri u l-klima.	(d) Informazzjoni dwar obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits tal-gvern, inklużi garanziji tal-gvern, self improduttiv, u obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż il-firxa tagħhom, spejjeż u obbligi potenzjali li jirriżultaw minn kawżi tal-qorti u, sa fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontinġenti fl-oqsma tad-diżastri u l-klima.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) F'każ li l-Istat Membru jagħmel użu mis-suppożizzjonijiet imsemmija fil-punt (e) li huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni matul il-perjodu ta' aġġustament tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-perjodu sussegwenti ta' 10 snin jekk ma jittiħdux miżuri baġitarji oħra, spjegazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet dovuti bbażati fuq argumenti ekonomiċi sodi ta' dawn id-differenzi.	(f) F'każ li l-Istat Membru jagħmel użu mis-suppożizzjonijiet imsemmija fil-punt (e) li huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni matul il-perjodu ta' aġġustament tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-perjodu sussegwenti ta' 10 snin jekk ma jittiħdux miżuri baġitarji oħra, spjegazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet dovuti bbażati fuq argumenti ekonomiċi ***soċjali*** sodi ta' dawn id-differenzi.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) Analiżi ta' kif il-bidliet fis-suppożizzjonijiet ekonomiċi ewlenin jaffettwaw il-pożizzjoni baġitarja u tad-dejn tal-Istat Membru.	(g) Analiżi ta' kif il-bidliet fis-suppożizzjonijiet ekonomiċi ***u soċjali*** ewlenin jaffettwaw il-pożizzjoni baġitarja u tad-dejn tal-Istat Membru ***kif ukoll il-ksib tal-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni f'dak l-Istat Membru***.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) Jekk applikabbli, rappreżentazzjoni sostanzjata tar-raġunijiet (b'argumenti ekonomiċi rilevanti sodi u verifikabbli) għad-devjazzjoni mit-trajettorja teknika mressqa mill-Kummissjoni.	(h) Jekk applikabbli, rappreżentazzjoni sostanzjata tar-raġunijiet (b'argumenti ekonomiċi ***u soċjali*** rilevanti sodi u verifikabbli) għad-devjazzjoni mit-trajettorja teknika mressqa mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) Jekk applikabbli, informazzjoni dwar impenji speċifiċi, marbutin biż-żmien u verifikabbli ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament skont l-Artikolu 13, skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll argumenti ekonomiċi sodi li dan is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jissodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 13 filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' valutazzjoni fl-Anness VII.	(k) Jekk applikabbli, informazzjoni dwar impenji speċifiċi, marbutin biż-żmien u verifikabbli ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament skont l-Artikolu 13, skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll argumenti ekonomiċi ***u soċjali*** sodi li dan is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jissodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 13 filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' valutazzjoni fl-Anness VII.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) Kwantifikazzjoni, kemm jista' jkun komprensiva, tal-impatti mistennija tar-riformi u l-investiment imsemmija fil-punt (k) fuq is-sostenibbiltà fiskali, it-tkabbir u l-impjiegi, fejn applikabbli f'konformità	(l) Kwantifikazzjoni, kemm jista' jkun komprensiva, tal-impatti mistennija tar-riformi u l-investiment imsemmija fil-punt (k) fuq is-sostenibbiltà fiskali, it-tkabbir ***sostenibbli*** u impjiegi ***ta' kwalità kif ukoll***

ma’ metodoloġiji maqbula b’mod komuni.	***konverġenza soċjali ’l fuq***, fejn applikabbli f’konformità ma’ metodoloġiji maqbula b’mod komuni.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(na) Jekk applikabbli, riformi u investimenti biex jikkoreġu r-riskji identifikati tal-konverġenza soċjali.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) Għall-Istati Membri li d-dejn pubbliku tagħhom jirrappreżenta sfida żgħira, iżda b’responsabbiltajiet impliċiti kbar ***minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni***, it-trajettorja tan-nefqa netta nazzjonali u r-riformi fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandhom iqisu kif xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-finanzi pubbliċi.	(p) Għall-Istati Membri li d-dejn pubbliku tagħhom jirrappreżenta sfida żgħira, iżda b’responsabbiltajiet impliċiti kbar, it-trajettorja tan-nefqa netta nazzjonali u r-riformi fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandhom iqisu kif xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-finanzi pubbliċi ***kif ukoll ir-riskji tad-diverġenza soċjali kif stabbiliti mill-monitoraġġ l-aktar reċenti***.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) Informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel it-tħejjija tal-pjan.	(q) Informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet ***effettivi*** mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel it-tħejjija tal-pjan.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tqabbil mill-bidu tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju bejn il-projezzjonijiet tal-varjabbli ekonomiċi ewlenin sottomessi f'dak il-pjan u d-data tal-eżitu għal dawn il-varjabbli, kif ukoll l-implikazzjonijiet għall-konformità mal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill u l-implikazzjonijiet fuq il-perkors imbassar tal-proporzjon tad-dejn pubbliku rrappurtat f'dak il-pjan.	(b) Tqabbil mill-bidu tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju bejn il-projezzjonijiet tal-varjabbli ekonomiċi ***u soċjali*** ewlenin sottomessi f'dak il-pjan u d-data tal-eżitu għal dawn il-varjabbli, kif ukoll l-implikazzjonijiet għall-konformità mal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill u l-implikazzjonijiet fuq il-perkors imbassar tal-proporzjon tad-dejn pubbliku rrappurtat f'dak il-pjan ***kif ukoll il-ksib tal-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Dritt Soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom***.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) Is-suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-iżviluppi ekonomiċi mistennija u l-varjabbli ekonomiċi ewlenin għas-snin ta' wara tal-perjodu ta' aġġustament, inkluż il-proporzjon tad-dejn pubbliku.	(h) Is-suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-iżviluppi ekonomiċi ***u soċjali*** mistennija u l-varjabbli ekonomiċi ***u soċjali*** ewlenin għas-snin ta' wara tal-perjodu ta' aġġustament, inkluż il-proporzjon tad-dejn pubbliku.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) Analiżi tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku u tal-impatt li l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investiment rilevanti rrappurtati fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Anness II, il-punt (n) għandha fuqhom, fejn applikabbli.	(l) Analiżi tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku ***kif ukoll ir-riskji tal-konverġenza soċjali*** u tal-impatt li l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investiment rilevanti rrappurtati fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Anness II, il-punt (n) ***u (o)*** għandha fuqhom, fejn applikabbli.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Anness VI

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prijoritajiet komuni tal-Unjoni	***imħassar***
Il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12, punt (b) huma:	
(a) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[34], inkluża t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050[35] u l-implimentazzjoni	

fil-livell nazzjonali permezz tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima;

(b) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[36] inklużi l-miri relatati dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030;

(c) Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali[37], u rifless fil-livell nazzjonali permezz tal-Pjanijiet Direzzjonali Strateġiċi Nazzjonali tad-Deċennju Diġitali;

(d) Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża — Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.[38]

---

[34] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019 "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u d-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

[35] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima").

[36] (2017/C 428/09) Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

[37] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

[38] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, COPS 130.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mal-Artikolu 13(2), is-sett ta' impenji ta' riformi u ta' investiment inklużi fil-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandu jkun proporzjonat mal-grad tal-isfidi tad-dejn pubbliku kif stabbilit fl-aktar aġġornament reċenti tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn ***u*** l-isfidi għat-tkabbir fuq terminu medju fl-Istat Membru. Għall-Istati Membri fejn l-isfidi tad-dejn pubbliku jkunu marbuta ma' sfidi sinifikanti għat-tkabbir ta' terminu medju, is-sett ta' riformi u ta' investimenti huwa mistenni li jindirizza wkoll il-limitazzjonijiet għat-tkabbir ta' terminu medju.	F'konformità mal-Artikolu 13(2), is-sett ta' impenji ta' riformi u ta' investiment inklużi fil-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandu jkun proporzjonat mal-grad tal-isfidi tad-dejn pubbliku kif stabbilit fl-aktar aġġornament reċenti tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn ***flimkien mar-riskji tad-diverġenza soċjali kif stabbiliti mill-monitoraġġ l-aktar reċenti,*** l-isfidi għat-tkabbir fuq terminu medju fl-Istat Membru ***u l-isfidi fil-ksib tal-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Dritt Soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom***. Għall-Istati Membri fejn l-isfidi tad-dejn pubbliku jkunu marbuta ma' sfidi sinifikanti għat-tkabbir ***sostenibbli*** ta' terminu medju, is-sett ta' riformi u ta' investimenti huwa mistenni li jindirizza wkoll il-limitazzjonijiet għat-tkabbir ***sostenibbli*** ta' terminu medju.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1 L-impenji ta' riforma u investiment isaħħu t-tkabbir;	2.1 L-impenji ta' riforma u investiment isaħħu t-tkabbir ***sostenibbli***;
	Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta'

	investiment huma mistennija li jinvolvu progress sinifikanti lejn il-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Dritt Soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2.2 a L-impenji ta' riforma u investiment jappoġġaw konverġenza soċjali 'l fuq;

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3 Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jindirizza l-prijoritajiet tal-Unjoni msemmija fl-***Anness VI***;	2.3 Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jindirizza l-prijoritajiet tal-Unjoni msemmija fl-***Artikolu 1***;

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.3 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jikkontribwixxi b'mod	– Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jikkontribwixxi b'mod

sinifikanti għal mill-inqas waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni msemmija fl-***Anness VI***;	sinifikanti għal mill-inqas waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni msemmija fl-***Artikolu 1***;

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.4 Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment, meħud flimkien, jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku;	2.4 Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment, meħud flimkien, jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ***skont l-Artikolu 121(4) u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE***, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku;

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.4 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment rilevanti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, meħuda flimkien, huwa mistenni li jindirizza l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, inklużi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fejn applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż u l-impenji li saru skont il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn rilevanti;	– Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment rilevanti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, meħuda flimkien, huwa mistenni li jindirizza l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, inklużi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fejn applikabbli ***u inklużi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 148(4) tat-TFUE jew l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, filwaqt li jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala

tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż u l-impenji li saru skont il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn rilevanti;

Or. en